A.L. 62 ta' l-2003

ATT DWAR IS-SEKWESTRU U L-KUSTODJA TA' MINURI (KAP. 410)

Ordni ta' l-2003 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ghamel dan l-ordni li ġej:–

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2003 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, u ghandu jiftiehem u jinqara bhala ħaġa wahda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah "l-Ordni prinċipali". Titolu. A.L. 130 ta' l-2000.

2. Minnufih wara l-pajjiż "Ġermanja" u d-data ta' Bidu fis-Sehh "1 ta' Novembru 2002" fl-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali, ghandu jiżdied dan li ġej:– Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-Ordni prinċipali.

Pajjiż	Data ta' Bidu fis-Sehh
"Stati Uniti ta' l-Amerika	1 ta' Frar 2003".